**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**MAĠISTRAT**
**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 176/2020 RM**

**Mandy (Amanda Jane) Festari**
**(K.I. 0195876M)**

**-Vs-**

**Frank Borda Limited (C-446)**

**Illum, 21 ta' Ġunju 2023**

**Il-Qorti,**

Rat l-Avviż tat-Talba ppreżentata minn Mandy (Amanda Jane) Festari fir-Reġistru tat-Tribunal għal Talbiet Zgħar fil-31 ta' Lulju 2020 fejn ġie premess u mitlub:-

"*l-attrici qieghda titlob ir-rifuzjoni ta' hamest-elef Ewro (€5,000) – hekk kif ridotta mis-somma akbar ta' hamest-elef, mija u tmin Ewro (€5,108.00) ai fini ta' kompetenza ta' dan l-Onrabbli Tribunal – rappresentanti prezz imhallas mill-Attrici ghall-akwist ta' magna tal-hjata tad-ditta Bernina, u mudell 770QE (Quilters Edition) – product code ABRN770, liema magna l-Attrici kienet xtrat fl-01/11/2018 – vide ricevuta hawn*

*annessa u mmarkata bhala 'Dok A' – specifikatament peress li hija magna professjonali u ta' specifikazzjonijiet gholja, meqjusa 'top of the range', immanifatturata apposta sabiex thejt materjal ohxon sa massimu ta' 12.5mm u thejt il-'quilts' kif jindikaw l-ittri 'QE' man-numru tal-mudell taghha, nonche illi taghmel xoghol ta' 'embroidery'.*

*Illi, tali magna, ipprezentat difett fl-'automatic thread cutter' f'April tal-2019 u l-Attrici infurmat lis-socjeta' Frank Borda Limited b'dan u talbuha tiehu lura l-imsemmija magna tal-hjata ghandhom ghal check-up u l-Attrici hadet il-magna fil-workshop tal-intimata fis-17/04/2019.*

*Ill, fit-02/05/2019, l-Attrici giet ikkuntatjata sabiex tmur tigbor il-magna tal-hjata minghand il-konvenuta ghaliex it-tiswija kienet lesta. Fil-bidu ta' Lulju 2019, rega' tfaccia l-istess difett fil-magna surriferita u wara gimgha u nofs tiprova tikkomunika mar-rappresentanti tal-konvenuta, fl-10/07/2019, l-Attrici regget dahlet il-magna ghat-tiswija fil-'workshop' tal-intimata.*

*Illi minkejja korrispondenza ampja u weghediet ripetuti da parti tal-Intimata li t-tiswijiet necessarji fil-magna huma kwazi lesti, illum – data tal-prezentata ta' dina t-talba – u cioe' sena u ghoxrin gurnata mindu il-magna dahlet ghat-tiswija ghand is-socjeta' konvenuta, l-Attrici ghada minghajrha, u ghaldaqstant hija issa qeghda titlob ir-rexxisjoni tal-akwist u r-rifusjoni tas-somma li zburzjat ghal tali akwist fl-01/11/2018.*

*Bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri, tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorja prezentat kontestwalment u ta' kull procedura gudizzjarja ohra li tista tigi pprezentata mill-Attrici, bl-imghax legali sa mill-01 ta' Novembru 2018 sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta' konvenuta li hija minn issa ngunta in subizzjoni"*

Rat ir-Risposta ppreżentata mis-soċjeta' konvenuta Frank Borda Limited fl-istess Reġistru fit-22 ta' Ottubru 2020 fejn ġie eċċepit:-

"1. *Illi preliminarjament it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar m'għandux kompetenza rationae materiae sabiex jisma u jiddeciedi dan il-kaz stante li t-talba dedotta mhix semplici 'money claim' imma kif jirrizulta mir-raba' paragrafu hija talba ghal refizzjoni ta' kuntratt ta' akkwist tal-magna tal-hjata;*

2. *Illi mingħajr preġudizzju għall-premess u in linea sussidjarja l-magna tal-hjata in kwistjoni m'għanda l-ebda difett u kwalunkwe problema li sabet l-attrici irrizultat minħabba użu ħazin tal-magna mill-attrici;*

3. *Illi mingħajr preġudizzju għall-premess u in linea sussidjarja kienet l-attrici stess li rrifjutat li tieħu lura l-magna tal-ħjata ladarba din tlestiet u għalhekk il-magna ġiet iddepozitata taħt l-awtorita' tal-Qorti permezz ta' ċedola 1979/2020;*

4. *Illi mingħajar preġudizzju għall-premess u in linea sussidjarja u fil-mertu, s-socjeta' konvenuta onorat l-obbligi kollha tagħha riżultati min dan il-bejgħ u saħansitra offriet 'replacement sewing machine' lill-istess attriċi, liema 'replacement sewing machine' baqgħet ma gietx ritornata lis-socjeta' konvenuta saħansitra wara li ġiet interpellata sabiex tirritornaha u l-istess socjeta' konvenuta qiegħda tirriżerva d-dritt li titlob għall-ħlas tal-imsemmija 'replacement sewing machine' u għal kwalunkwe spejjeż oħra inkorsi minnha;*

5. *Illi għalhekk it-talbiet tal-attriċi għandhom jiġu miċħuda in toto.*

*Bl-ispejjeż.*

Rat is-sentenza mogtija mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar fl-10 ta' Ġunju 2021, fejn laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjeta' konvenuta dwar l-inkompetenza tal-istess

Tribunal *ratione materiae* u ordna li l-atti jintbagħtu lil din il-Qorti a tenur tal-Artikolu 741(b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi l-atti tal-kawża ntbagħatu lilha mir-Reġistratur a tenur tal-imsemmi Artikolu 741(b) tal-Kap. 12, sabiex tieħu konjizzjoni u tiddeċiedi din il-kawża hija stess;

Rat id-digriet tagħha tas-7 ta' Lulju 2021 fejn appuntat il-kawża għas-smigħ;

Rat in-nota pprezentata mill-attriċi fis-17 ta' Diċembru 2021 in ottemperanza mal-ordni mogħtija fis-seduta tal-11 ta' Ottubru 2021, fejn indikat illi hija qiegħda ssejjes it-talba tagħha f'din il-kawża fuq id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 76 tal-Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta ("L-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur");

Rat id-digriet tagħha mogħti fit-22 ta' Ġunju 2022 li permezz tiegħu ordnat l-isfilz tad-dokumenti esebiti mill-attriċi mmarkati Dok. MF-K1 sa Dok. MF-K10;

Semgħet ix-xhieda u rat ukoll ix-xhieda li tressqet bil-mezz tal-Affidavit;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha prodotti mill-partijiet;

Rat l-atti kollha;

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-abbli avukati tal-partijiet fis-seduta tal-31 ta' Mejju 2023;

Rat illi l-kawża kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi t-talba tal-attriċi fl-att promotur hija għar-rexxissjoni tal-kuntratt ta' bejgħ ta' magna tal-ħjata tal-għamla Bernina, mudell 770QE, u għall-konsegwenti rifużjoni

mingħand is-soċjeta' konvenuta tas-somma ta' €5,000 rappreżentanti parti mill-prezz imħallas għall-akkwist ta' din il-magna. L-attriċi fl-Avviż tat-Talba fissret illi hija għamlet din it-talba għaliex wara li l-magna darbtejn żviluppat ħsara minħabba allegat difett fl-*automatic thread cutter* u ħaditha għat-tiswija għand is-soċjeta' konvenuta, damet iktar minn sena tistenna li l-magna tissewwa iżda dan inutilment.

Madanakollu, sussegwentement, fuq ordni tal-Qorti biex tfisser aħjar il-bażi tal-azzjoni esperita minnha, l-attriċi ddikjarat li hija qiegħda teżerċita l-azzjoni maħsiba fl-artikolu 76 tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 378). Din id-dispożizzjoni legali, imsejħa fin-noti marġinali "*Tnaqqis fil-prezz*", tipprovdi:-

*(1) It-tnaqqis fil-prezz għandu jkun proporzjonat għat-tnaqqis fil-valur tal-oġġetti li jkun irċieva l-konsumatur meta mqabbel mal-valur li kien ikollhom l-oġġetti kieku kienu konformi.*
*(2) Il-konsumatur ma għandux ikollu d-dritt jittermina l-kuntratt jekk in-nuqqas ta' konformità jkun biss wieħed minuri. Il-bejjiegħ għandu jkollu l-oneru tal-prova fir-rigward ta' jekk in-nuqqas ta' konformità jkunx wieħed minuri.*

Huwa minnufih evidenti li għalkemm it-talba tal-attriċi fl-Avviż tat-Talba ġiet arġinata bħala talba għar-rexxissjoni tal-kuntratt ta' bejgħ u r-rifużjoni tal-prezz tal-magna tal-ħjata, id-dispożizzjoni tal-liġi li hija indikat in sostenn ta' din it-talba wara li ġiet ordnata mill-Qorti tfisser il-bażi tal-azzoni tagħha, tirregola l-pożizzjoni ġuridika fejn il-konsumatur jitlob **mhux ir-rexxissjoni tal-kuntratt ta' bejgħ** (skont kif maħsub fl-artikolu 78A tal-Att), **iżda t-tnaqqis proporzjonat tal-prezz tal-bejgħ tal-oġġett** (taħt l-artikolu 75 tal-Att) u dan in linea ta' rimedju f'każ li jiġi ravviżat nuqqas ta' konformita' tal-oġġett mal-kuntratt tal-bejgħ (kunċett li huwa mfisser fid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 74 tal-Att).

Għalkemm dan jista' jidher li huwa kontradittorju għaliex kif ingħad, il-jedd invokat mill-attriċi kif dikjarat fin-nota tagħha tas-17 ta' Diċembru 2021 huwa jedd differenti minn dak imfisser espressament fl-att promotur tal-azzjoni, ma jfissirx li l-Qorti hi

prekluża milli tistħarreġ u tiddeċiedi dwar dan il-jedd l-ieħor. Kif inhu risaput, din il-Qorti fil-ġurisdizzjoni inferjuri tagħha - anke jekk it-talba mfissra fir-Rikors promotur ma tiġix ippruvata - tista' tiddeċiedi fuq jedd ieħor li jiġi ppruvat għalkemm dan il-jedd l-ieħor ma jkunx jidħol sewwa fit-talba oriġinali kif imfisser fl-att promotur tal-azzjoni[1].

Dan premess, il-Qorti sejra tibda biex tittratta s-sottomissjoni magħmula mill-abbli avukat tas-soċjeta' konvenuta fit-trattazzjoni finali, illi l-attriċi ma tistax tavalla ruħha mir-rimedji taħt l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 378) għaliex ma tirrientrax fid-definizzjoni ta' 'konsumatur' skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 2 tal-Att, fejn "konsumatur" tfisser –

(i) kull individwu li fi transazzjonijiet u ħwejjeġ oħra koperti b'dan l-Att jew b'regolamenti magħmulin taħtu, jkun qed jaġixxi għal għanijiet li ma jkollhomx x'jaqsmu mal-kummerċ, negozju, sengħa jew professjoni; u

(ii) kull individwu ieħor li ma jkunx ix-xerrej jew benefiċjarju dirett, u sew jekk ikunx jew le membru tal-familja tal-konsumatur, li għax ikun espressament jew taċitament awtorizzat jew permess mill-konsumatur, seta' kkonsma, uża jew ibbenefika minn xi oġġetti jew servizzi pprovduti lill-konsumatur minn kummerċjant li jkun qed jaġixxi fil-kors ta' xi kummerċ, negozju, sengħa jew professjoni, inklużi oġġetti jew servizzi li jiġu pprovduti bħala parti minn skemi ta' rigali u tħajjir ieħor simili jew analogu; u

(iii) kull klassi jew kategorija oħra ta' persuni sew naturali sew ġuridiċi li jistgħu, minn żmien għal żmien, jissemmew bħala "konsumaturi" għal kull raġuni jew xi waħda mir-raġunijiet ta' dan l-Att b'regolamenti magħmulin mill-Ministru wara li jikkonsulta lill-Kunsill.

[1] Artikolu 213 tal-Kodiċi Ċivili.

Billi f'dan il-każ l-attriċi kienet ix-xerrejja diretta tal-magna tal-ħjata u mkien ma ġie asserit li hija taqa' f'xi definizzjoni ta' konsumatur taħt il-paragarafu (iii) tad-dispożizzjoni appena ċitata, il-Qorti sejra tistħarreġ jekk l-attriċi taqax fid-definizzjoni ta' konsumatur taħt il-paragrafu (i). Ġie sottomess għan-naħa konvenuta illi mill-provi jirriżulta li l-attriċi xtrat il-magna tal-ħjata għal skopijiet tal-eżerċizzju tal-professjoni tagħha ta' ħajjata u mhux għall-użu personali tagħha u dan skont kif jidher mir-ritratti esebiti fl-atti proċesswali tal-prodotti reklamati mill-attriċi fuq il-paġna tagħha fuq Facebook kif ukoll minħabba l-fatt li magna bħal dik akkwistata mill-attriċi hija waħda ferm sofistikata għall-użu minn ħajjat professjonali u mhux mara tad-dar bħala passatemp.

Il-Qorti rat ir-ritratti tad-diversi prodotti magħmulin mill-attriċi, liema ritratti hija stqarret li ttieħdu mill-paġna tagħha fuq Facebook 'MK Creations' u li juru affarijiet li ħitithom hi stess bil-magna in diżamina, iżda insistiet li hija mara tad-dar kif ukoll nanna u tħit bħala delizzju kif ukoll għall-bżonnijiet tal-familja numeruża tagħha u ta' xi ħbieb li jkunu jogħġobhom ix-xogħol tagħha. Ċaħdet li hija taħdem bħala ħajjata professjonali u sostniet li xtrat il-magna in diżamina għaliex riedet magna li tista' tużaha biex tagħmel rakmu kif ukoll quilts.

Kollox magħdud, il-Qorti ma taqbilx li ġie pruvat kif imiss li l-attriċi tħit bħala professjoni jew li xtrat il-magna in diżamina sewwasew biex tużaha għal skopijiet ta' negozju. Ma nġiebet ebda prova li turi li hija fil-fatt tmexxi negozju għall-bejgħ tal-prodotti li tħit bil-magna u m'hemm xejn fil-provi u fix-xhieda li tissostanzja l-asserzjoni tas-soċjeta' konvenuta li din il-magna ma nxtratx prinċipalment għall-użu personali tal-attriċi. Il-fatt li hija disposta li tħit għal min jogħġobu x-xogħol tagħha ma jfissirx li hija ħajjata professjonali li tuża l-magna li hija xtrat għal skopijiet ta' kummerċ jew negozju. Għaldaqstant tqis li l-attriċi hi konsumatur għall-fini tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur u għandha jedd tirkorri għar-rimedji disponibbli lill-konsumatur taħt l-Att.

Ikkunsidrat;

Billi kif rajna l-attriċi talbet ir-rexxissjoni tal-kuntratt tal-bejgħ tal-magna u in segwitu ddikjarat li l-azzjoni tagħha hi msejsa fuq dispożizzjoni legali li tipprovi rimedju konsistenti fi tnaqqis il-prezz tal-oġġett mibjugħ, il-Qorti tibda biex tosserva illi sija f'każ ta' tnaqqis fil-prezz u sija wkoll ta' terminazzjoni tal-kuntratt, il-jedd għar-rimedju rispettiv jistrieħ f'kull każ fuq l-aċċertazzjoni li l-oġġett mibjugħ m'huwiex konformi mal-kuntratt tal-bejgħ - għalkemm fil-każ tat-terminazzjoni tal-kuntratt jeħtieġ li jintwera wkoll illi n-nuqqas ta' konformita' m'huwiex wieħed minuri.

Għaldaqstant, sejra tibda biex tistħarreġ jekk fil-każ in diżamina ġiex ippruvat illi l-oġġett mibjugħ u konsenjati lill-attriċi ċioe' l-magna tal-ħjata, kienx konformi mal-kuntratt ta' bejgħ.

Skont l-artikolu 73(1) tal-Att, oġġetti jitqiesu li jikkonformaw mal-kuntratt ta' bejgħ fejn mill-perspettiva soġġettiva tal-konsumatur l-oġġetti:-

*(a) ikunu tad-deskrizzjoni, it-tip, il-kwantità u l-kwalità, u jkollhom il-funzjonalità, il-kompatibbiltà, l-interoperabbiltà u l-karatteristiċi l-oħra, kif jirrikjedi l-kuntratt tal-bejgħ;*
*(b) ikunu tajbin għal kull għan partikolari li għalih ikun jeħtieġhom il-konsumatur u li l-konsumatur ikun għarraf bih lill-bejjiegħ mhux aktar tard mill-ħin meta jkun ġie konkluż il-kuntratt tal-bejgħ, u li fir-rigward tiegħu l-bejjiegħ ikun aċċetta;*
*(ċ) jiġu kkonsenjati mal-aċċessorji kollha u istruzzjoni, inkluż dwar l-istallazzjoni, kif stipulat fil-kuntratt tal-bejgħ; u*
*(d) jiġu fornuti b'aġġornamenti kif stipulat fil-kuntratt tal-bejgħ.*

Il-Qorti fehmet illi l-kontenzjoni tal-attriċi hi li l-magna tal-ħjata li xtrat mingħand is-soċjeta' konvenuta ma kellhiex il-funzjonalita' u interoperabbilita' li kienet tistenna minn magna tal-ħjata professjonali "*top of the range*" immanifatturata sewwasew għall-ħjata ta' materjal oħxon. L-attriċi xehdet illi filwaqt li hija kienet għarrfet lis-soċjeta' konvenuta li teħtieġ magna magħmula apposta għal xogħol *heavy duty* inkluż

biex tħit *quilts*, jirriżulta li l-magna mibjugħa lilha ma kienetx tajba biex tintuża għal dan il-għan partikolari għaliex għalkemm il-mudell li ġiet mibjugħa lilha huwa l-mudell 770 QE li jfisser "*quilters edition*", madwar erba' xhur wara li xtrat il-magna, l-*automatic thread cutter* ma baqax jaħdem u l-magna ma baqgħetx tiffunzjona kif mistenni.

Madankollu, anke jekk kellu jiġi aċċettat - għal mument - li l-allegat difett riskontrat fil-magna wara diversi xhur isarraf f'nuqqas ta' konformita' taħt is-subartikolu (1) tal-artikolu 73 tal-Att, dan m'huwiex waħdu biżżejjed biex il-magna tal-ħjata mibjugħa lill-attriċi titqies bħala mhux konformi mal-kuntratt ta' bejgħ. Dan qed jingħad għaliex il-konformita' o meno m'huwiex imkejjel biss skont kriterju soġġettiv għaliex irid jiġi sodisfatt ukoll, b'żieda ma' dan, it-test oġġettiv stipolat mis-subartikolu (2) tal-artikolu 73. Dan jesiġi li minbarra li jikkonformaw ma' kwalunkwe rekwiżit soġġettiv għall-konformità mas-subartikolu (1) l-oġġetti għandhom;-

(a) *ikunu adattati għall-iskopijiet li għalihom normalment jintużaw oġġetti tal-istess tip, b'kont meħud, fejn applikabbli, ta' kwalunkwe liġi, standards tekniċi jew, fin-nuqqas ta' tali standards tekniċi, il-kodiċi ta' kondotta industrijali speċifiċi għas-settur applikabbli;*
(b) *fejn applikabbli, ikunu ta' kwalità tal-kampjun jew il-mudell li l-bejjiegħ ikun qiegħed għad-dispożizzjoni tal-konsumatur qabel il-konklużjoni tal-kuntratt u jikkorrispondu għad-deskrizzjoni tiegħu;*
(c) *fejn applikabbli, jiġu pprovduti flimkien ma' tali aċċessorji, li jinkludu l-imballaġġ, l-istruzzjonijiet għall-istallazzjoni jew istruzzjonijiet oħra, kif il-konsumatur jista' raġonevolment jistenna li jirċievi; u*
(d) *jikkorrispondu għall-kwantità u jkollhom il-kwalitajiet u karatteristiċi oħrajn, inkluż f'termini ta' durabbiltà, funzjonalità, kompatibbiltà u sigurtà normali għal oġġetti tal-istess tip u li l-konsumatur jista' raġonevolment jistenna minħabba n-natura tal-oġġetti u ta' kull dikjarazzjoni pubblika magħmula minn jew f'isem il-bejjiegħ, jew persuni oħra f'ħoloq aktar preċedenti tal-*

*katina tat-tranżazzjonijiet, inkluż il-produttur, partikolarment fir-reklamar jew fuq it-tikkettar.*

Jispetta lill-attriċi, li sejset l-azzjoni tagħha fuq id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, li tikkonvinċi lill-Qorti li fuq il-preponderanza tal-provi fuq bażi ta' bilanċ ta' probabbilitajiet, il-magna tal-ħjata li biegħetilha s-soċjeta' konvenuta, ma kienetx konformi mal-kuntratt ta' bejgħ għaliex - lil hinn min-nuqqas ta' konformita' fil-fehma soġġettiva tagħha - ma tissodisfax ir-rekwiżiti kollha tas-subartikolu (2) tal-artikolu 73 tal-Att, fosthom li m'hijiex fiha nnifisha adattata għall-ħjata ta' *quilts* u m'hijiex tal-kwalita' tal-kampjun jew il-mudell li abbażi tiegħu s-soċjeta' konvenuta biegħetilha l-magna.

Hawnhekk il-Qorti jeħtiġilha tevalwa l-provi proċesswali biex tiddeċiedi jekk l-attriċi rnexxilhiex tissodisfa l-oneru tal-prova mixħuta fuqha biex turi li l-magna tal-ħjata m'hijiex konformi mal-kuntratt ta' bejgħ u li konsegwentement, hi intitolata tipprevalixxi ruħha mir-rimedju ta' tnaqqis proporzjonat fil-prezz, liema rimedju qiegħda tinvoka f'din l-azzjoni.

**Il-verżjoni tal-attriċi, Mandy Festari**, hi li hija xtrat il-magna tal-ħjata tad-ditta Bernina mudell 770QE għaliex kellha bżonn magna li tħit *quilts* u xogħol b'materjal iebes u s-soċjeta' konvenuta kkonvinċietha biex tixtri dan il-mudell minflok mudell bi prezz irħas, għaliex hu manifatturat sewwasew għall-ħjata ta' *quilts* u materjal ta' ħxuna sa 12.5mm[2]. Erba' xhur wara, l-*automatic thread cutter* tal-magna ma baqax jaħdem kif suppost għaliex ma bediex jaqta' l-ħajt qabel jaqleb għal kulur ta' ħajt differenti, lanqas meta tintagħfas il-buttuna manwalment. Meta ħadet il-magna għat-tiswija għand is-soċjeta' konvenuta fis-17 ta' April 2019 ġiet infurmata li f'ġimgħa kellhom jitlestew it-tiswijiet, madanakollu in segwitu qalulha li kienu nstabu xi labar miksura fil-kompartiment fejn jinġabru l-labar u t-technician ma kienx jaf kif ineħħihom u għalhekk kien hemm bżonn ta' direzzjoni mingħand il-manifatturier għaliex il-magna hija kumplessa. Fit-2 ta' Mejju 2019 għarrfuha li l-magna kienet

[2] Dok. B annessa mal-Affidavit tal-attriċi – paragrafu 12.5 Technical Data, paġna 164 tal-Owner's/User's Manual.

lesta u meta marret tiġborha t-technician qalilha wkoll li kien sab ukoll ix-xafra tat-*thread cutter* kienet mgħawġa u kien iddrittaha iżda ma kienx biddilha.

Xehdet li minn dakinhar 'il quddiem, *it-thread cutter* reġa' beda juri l-istess difett iżda mhux kull darba, u fit-8 ta' Lulju 2019 infurmat lis-soċjeta' konvenuta fejn intalbet terġa' tieħu l-magna għat-tiswija. Iżda wara li għaddew xi ġimagħtejn, ġiet infurmata li kien hemm bżonn li jinbidel it-*thread cutter*, liema part kellu jiġi manifatturat mill-fabbrika tal-Bernina. Eventwalment, ġiet infurmata illi l-problema kienet dovuta għall-fatt li kienet użat materjal oħxon u illi part ieħor (*hand wheel*), li ma kienx it-*threadcutter* u li fil-fehma tal-attriċi qatt ma kellu ebda problema jew difett, kellu bżonn jinbidel. L-attriċi tiċħad illi hija użat materjal eħxen minn 12.5 mm u sostniet li hija kienet użat il-magna fuq materjal ta' 3mm ħxuna biss u d-display tal-magna qatt ma wera s-sinjal li jindika li qed jintuża materjal ta' ħxuna eċċessiva. Meta ġiet infurmata fil-31 ta' Awwissu 2019 li l-*hand wheel* kien wasal iżda mhux it-*thread cutter*, bdew jinbtu s-suspetti li s-soċjeta' konvenuta kienet ħawdet il-magna tagħha ma' magna oħra.

It-*thread cutter* wasal fil-5 ta' Settembru 2019 iżda fid-9 ta' Settembru 2019 is-soċjeta' konvenuta għarrfitha li kien hemm part ieħor li kellu bżonn jinbidel (*switch blade*) u ntalbet tikkonferma jekk riditx li dan il-part jiġi ordnat. Paul Borda qalilha wkoll li dan il-part li kellu jinbidel kellu jiġi manifatturat bl-idejn għaliex mhux normali li jinkiser. L-attriċi sostniet li hija għarrfet lis-soċjeta' attriċi li kienet disposta tistenna sal-25 ta' Ġunju 2020 biex il-magna tiġi ritornata lilha *in full working order* izda minkejja dan u minkejja l-fatt li għamlet sena u tliet xhur mingħajr il-magna, iddeċidiet li tiftaħ din il-kawża. Ikkonfermat illi l-unika problema li ppreżentat il-magna tal-ħjata kienet fit-threadcutter u għall-bqija l-magan kienet perfetta.

**Is-soċjeta' konvenuta, Frank Borda Limited**, tiċħad li l-magna m'hijiex in konformita' mal-kuntratt tal-bejgħ u tiċħad ukoll li kien fiha xi difett. Tikkontendi illi l-magna ntużat ħażin mill-attriċi li wżat materjali eħxen minn dak rakkomandat, *plate* mhux addattat għax-xogħol partikolari li kien qed isir, u użat il-magna ħażin ukoll billi

kienet qed tiġbed id-drapp meta l-proċess ta' *thread-cutting* ma jkunx komplut[3]. Fil-fatt, instabu wkoll biċċiet tal-labar miksurin fil-parti ta' isfel ġewwa l-magna tal-ħjata kif ukoll sinjali ta' labar qed iħabbtu mal-i*stitch plate*[4]. Minħabba dan l-użu ħażin, il-labar jitgħawġu u jinkisru u jagħmlu ħsara fuq il-*plates* kif ukoll fit-*thread cutter*, fejn il-mekkaniżmu tat-*thread cutting* beda jeħel[5]. Billi ma kienx hemm parts disponibbli, sar tenattiv biex il-ħsara tissewwa mit-technician tagħha billi jiġu ddrittati x-xfar tal-magna fejn dawn inġiebu fl-istat li kienu qabel. Meta t-technician ġibed l-attenzjoni tal-attriċi għal-labar miskura li kien sab, qaltlu li jista' jkun li dan kien seħħ minħabba li kienet qed tuża materjal oħxon.

Wara xi ġimagħtejn, l-attriċi reġgħet ġabet il-magna lura għat-tiswija minħabba l-istess xorta ta' ħsara u din id-darba ġie ordnat sett ġdid ta' xfar iżda meta dawn ġew istallati, il-magna xorta bdiet turi l-ħsara. F'Settembru 2019 il-kumpannija rreġistrat l-ilment dwar il-magna mal-manifatturier, Bernina ġewwa l-Isvizzera[6], fejn intbagħtulha wkoll ritratti tal-ħsara li kienu ttieħdu mit-technician. It-technicians tal-Bernina taw parir biex jinbidlu l-parts kollha tat-*thread mechanism* u indikaw li l-ħsara kienet ikkawżata minħabba użu ħazin tal-magna[7]. Minkejja li dan kien sar, is-skieken baqgħu jeħlu u għalhekk għall-ħabta ta' Jannar 2020, il-magna ntbagħtet l-Izvizzera iżda billi minħabba l-pandemija tal-Covid-19 il-fabbriki kienu magħluqin, il-magna damet ħafna biex tissewwa u ntbagħtet lura għand il-kumpannija konvenuta biss fl-aħħar ta' Lulju 2020. Is-soċjeta' konvenuta issostni wkoll li qabel xtrat il-magna u kif ukoll wara, l-attriċi ngħatat dimostrazzjoni ta' siegħa u nofs biex jintwerewlha l-funzjonijiet tal-magna.

Ikkunsidrat;

---

[3] Ara xhieda ta' Marisa Attard.

[4] Ritratti li ttieħdu mit-technician Thomas Spiteri, Dok. TS1 u Dok. TS2.

[5] Ara xhieda ta' Thomas Spiteri. Dan jirriżulta wkoll mill-email ta' Jurg Tobler: "*Looking at the picturem we can confirm that the cutting issue the customer report might be due to needle-breaking. In this kind of situation customer must decline a wrong usage of the machine*." – Dok. BC4. Huwa minnu li l-email ta' Jurg Tobler jagħmel referenza għal magna B 720 iżda huwa evidenti li t-ticket reġistrat minn Brian Cauchi jirreferi għal magna mudell 770 (Dok. BC1) u Brian Cauchi xehed illi huwa għadda s-serial numer tal-magna lil Bernina: 60979999 – xhieda ta' Brian Cauchi, 23 ta' jannar 2023, paġna 177 tal-atti tal-kawża.

[6] Dok. BC1.

[7] "*In my opinion the customer is doing a lot of freehand quilting and moves the fabric when needle is still penetrating the fabrix – bent the needle!*" – Dok. BC4.

**Il-Qorti wara li fliet ix-xhieda u l-provi u evalwat il-verżjonijiet tal-partijiet, tqis li m'huwiex ippruvat illi l-magna ma kienetx konformi, b'mod oġġettiv, mal-kuntratt ta' bejgħ jew kien fiha karatteristika partikolari li kienet tiddevja mir-rekwiżiti oġġettivi għall-konformità**. Speċifikatament l-attriċi ma ressqitx provi sodisfaċjenti illi jikkonvinċu lill-Qorti li fiċ-ċirkostanzi huwa probabbli li l-magna kien fiha difett inerenti fit-*threadcutter*: dan qed jingħad wara li jirriżulta li dan id-difett mhux biss feġġ wara erba' xhur ta' użu frekwenti u mhux minnufih, iżda wkoll għaliex dan mhux każ fejn il-part in kwisjoni waqaf jaħdem mingħajr spjegazzjoni, iżda ġew riskontrati ħsarat evidenti konsistenti f'labar mgħawġin u miksurin kif ukoll daqqiet fuq l-i*stitch plate*, m'humiex kompatibbli ma' nuqqas ta' konformita' mal-kuntratt ta' bejgħ.

Dak li jirriżulta żgur hu li l-magna żviluppat ħsara mekkanika ċioe' fit-*thread cutting* mechanism, liema ħsara l-Qorti fehmet illi hija riżultat ta' użu ħazin tal-magna - speċifikatament użu ta' materjal eħxen minn dak indikat – bil-konsegwenti tgħawwiġ u ksur ta' labar minħabba l-ġbid tad-drapp meta l-proċess ta' *thread-cutting* ma jkunx komplut[8], u daqqiet tal-labar mal-i*stitch plate*. Is-sinjali tal-ħsara huma evidenti mir-ritratti esebiti u wara li semgħet ix-xhieda li ressqet is-soċjeta' konvenuta, **il-Qorti hi sodisfatta illi l-ħsara ma seħħitx minħabba li l-magna ma kienetx addattata għall-iskop li għalih inxtrat jew ma kienetx skont id-deskrizzjoni jew tal-kwalita' tal-mudell li abbażi tiegħu l-attriċi xtrat il-magna**. Tassew l-artikolu 80(1) tal-Att jiddisponi illi kwalunkwe nuqqas ta' konformità li jimmanifesta ruħu fi żmien sena mill-mument li fih ikunu ġew konsenjati l-oġġetti għandu jkun preżunt li kien jeżisti fil-mument tal-konsenja, iżda din il-preżunzjoni hi waħda *juris tantum* u fil-każ in diżamina, il-Qorti tqis li mill-provi li għandha quddiemha u r-raġunijiet appena kkunsidrati, din il-preżunzjoni hi inkompatibbli man-natura tal-ħsara riskontrata.

Huwa wkoll minnu li minħabba l-problema fit-*thread cutter* il-magna ma baqgħetx tiffunzjona perfettament iżda l-Qorti hi tal-fehma illi biex dan in-nuqqas ta'

---

[8] Ara xhieda ta' Marisa Attard.

funzjonalita' jew operabilita' jiffigura bħala nuqqas ta' konformita' taħt l-artikolu 73(2) tal-Att, jeħtieġ li jintwera mhux biss li n-nuqqas hu serju[9] iżda wkoll li m'huwiex dovut għal xi użu ħażin tal-magna jew negliġenza da parti tal-konsumatur li jirriżulta fi ħsara. F'dan il-każ, il-Qorti m'hijiex sodisfatta illi l-ħsara u nuqqas ta' operabilita' tat-*thread cutter* tal-magna jinkwadraw bħala nuqqas ta' konformita' tal-oġġett mibjugħ mar-rekwiziti tal-imsemmi artikolu tal-Att għaliex kif ingħad, il-verżjoni tas-soċjeta' konvenuta li l-ħsara rriżultat mill-użu ħażin tal-magna hija ppruvata fuq bilanċ ta' probabbilitajiet u meta, aktar minn hekk, l-attriċi affermat illi għall-bqija, il-magna tal-ħjata kienet tiffunzjona perfettament.

Stabbilit dan kollu, jikkonsegwi li l-attriċi m'għandhiex jedd għal rimedju taħt id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 74 *et sequitur* tal-Att għaliex ir-rimedji kollha maħsuba fit-Taqsima X tal-Att, huma disponibbli biss f'każ ta' nuqqas ta' konformita' tal-oġġett mibjugħ lill-konsumatur, mal-kuntratt tal-bejgħ. Fil-fatt, l-artikolu 74(1) tal-Att jistipola illi **fil-każ ta' nuqqas ta' konformità**, il-konsumatur għandu jkun intitolat li jkollu l-oġġetti miġjuba f'konformità jew li jirċievi tnaqqis proporzjonat fil-prezz, jew li jittermina l-kuntratt, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-artikolu u fl-artikolu 75.

Ikkunsidrat;

Iżda fi kwalsiasi każ, u lil hinn min-nuqqas ta' konformita' o meno tal-oġġett lilha mibjugħ, la r-rimedju tat-tnaqqis fil-prezz u lanqas ir-rimedju tat-terminazzjoni tal-kuntratt ma huma disponibbli lill-attriċi f'dan il-każ, u dan għar-raġunijiet segwenti[10].

Id-dritt għal tnaqqis proporzjonat fil-prezz huwa regolat mill-artikolu 76(1) tal-Att bis-saħħa tas-subartikolu (3) tal-artikolu 74 tal-istess Att. Dan tal-aħħar jipprovdi:-

---

[9] Ara artikolu 74(3)(ċ) tal-Att.

[10] Għalkemm kif rajna l-attriċi ddikjarat li l-azzjoni tagħha hija bbażata fuq l-artikolu 76 tal-Att li jittratta dwar tnaqqis fil-prezz, fit-trattazzjoni finali l-abbli avukat tal-attriċi sostna li l-attriċi għandha jedd għar-rimbors tal-prezz u r-ritorn tal-magna u ma saret ebda referenza għar-rimedju tat-tnaqqis fil-prezz.

*(3) Il-konsumatur għandu jkollu d-dritt għal tnaqqis proporzjonat fil-prezz f'konformità mal-artikolu 76(1) jew għat-terminazzjoni tal-kuntratt tal-bejgħ f'konformità mal-artikolu 78A fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin:*

*(a) il-bejjiegħ ma jkunx lesta t-tiswija jew is-sostituzzjoni ... jew il-bejjiegħ ikun irrifjuta li jġib l-oġġetti f'konformità skont is-subartikolu (4);*

*(b) jirriżulta nuqqas ta' konformità minkejja li l-bejjiegħ ikun ipprova jġib l-oġġetti f'konformità;*

*(ċ) in-nuqqas ta' konformità tant ikun ta' natura serja li jiġġustifika tnaqqis immedjat fil-prezz jew it-terminazzjoni tal-kuntratt tal-bejgħ; jew*

*(d) il-bejjiegħ ikun iddikjara, jew ikun ċar miċ-ċirkustanzi, li l-bejjiegħ ma jkunx se jġib l-oġġetti f'konformità fi żmien raġonevoli, jew mingħajr inkonvenjent sinifikanti għall-konsumatur.*

Il-Qorti tqis illi anke jekk għal mument kellu jiġi aċċettat it-teżi tal-attriċi li l-oġġett mibjugħ immanifesta nuqqas ta' konformita' mal-kuntratt ta' bejgħ kif maħsub fl-artikolu 74 tal-Att, huma esklużi l-ipotesijiet illi s-soċjeta' konvenuta rrifjutat li ssewwi l-magna jew li l-magna baqgħet ma ssewwietx. Ma nġiebet ebda prova lanqas illi d-difett kien ta' natura tant serja li jiġġustifika tnaqqis immedjat fil-prezz.

L-attriċi ssostni li hija ħadet il-magna lura għand is-soċjeta' konvenuta biex tissewwa iżda t-tiswija baqgħet ma saritx jew ma saritx fi żmien raġjonevoli. Tassew it-tiswija tat-*threadcutter* u tal-magna damet diversi xhur (viċin sena), iżda wara li rat il-provi l-Qorti fehmet illi s-soċjeta' konvenut għamlet minn kollox biex il-ħsara tissewwa, sija permezz tat-technicians tagħha stess, bil-bdil tal-parts u sija wkoll bil-konsenja tal-magna ġewwa l-Isvizzera għand il-manifatturier, fejn eventwalment ġiet imsewwija, kollox a spejjeż tas-soċjeta' konvenuta. Jirriżulta wkoll li l-attriċi kienet infurmata u qablet li l-magna kienet sejra tintbagħat għand il-manifattur fl-Izvizzera. Huwa wkoll fatt notorju illi meta l-magna ntbagħtet l-Izvizzera faqqgħet il-pandemija tal-Covid 19 fejn kif inhu risaput diversi negozji ngħalqu għal diversi xhur minħabba l-miżuri ristrettivi li kienu qegħdin jiġu imposti mad-dinja kollha b'mod partikolari fl-ewwel

xhur tal-pandemija. Għall-Qorti dan ifisser illi ma jistax jingħad, fiċ-ċirkostanzi, illi s-soċjeta' konvenuta ma ġabitx il-magna in konformita' fi żmien raġjonevoli.

Jirriżulta wkoll illi għalkemm il-magna ssewwiet – ma hemm ebda prova li juri mod ieħor - din baqgħet qatt ma nġabret mill-attriċi minkejja li ġiet mgħarrfa permezz ta' ittra datata 20 ta' Awwissu 2020[11] li din kienet ġiet imsewwija u li waslet lura mingħand il-Bernina fil-31 ta' Lulju 2020. Kemm hu hekk, il-magna ġiet depożitata mis-soċjeta' konvenuta taħt l-awtorita' tal-Qorti permezz ta' ċedola ta' depożitu datat 14 ta' Settembru 2020[12].

Fuq kollox il-fatt illi fil-fehma tal-Qorti, id-dewmien fit-tiswija tal-magna ma seta' jikkaġuna ebda inkonvenjent sinjifikanti għall-attriċi, mhux biss għaliex Kevin Agius Zahra stqarr li l-attriċi għandha magna oħra li tinqeda biha u l-fatt illi s-soċjeta' konvenuta wkoll tatha magna oħra bħala sostitizzjoni temporanja għall-magna bil-ħsara kompluta bl-*embroidery module* u aċċessorji kollha relattivi[13], iżda wkoll għaliex l-attriċi ddikjarat li ma tħitx professjonalment iżda tħit bħala delizzju u għall-bżonnijiet tal-familja u l-ħbieb tagħha. Miżmum ferm dan, il-Qorti ma taqbilx li ġie ppruvat sodisfaċjentement xi ħtieġa inġenti da parti tal-attriċi għall-użu tal-karatteristiċi speċifiċi tal-magna tal-ħjata tal-mudell 770QE.

Għaldaqstant, fi kwalsiasi każ li jkun, l-attriċi m'hijiex intitolata titlob tnaqqis proporzjonat fil-prezz tal-oġġett mibjugħ bis-saħħa u bl-applikazzjoni tal-artikolu 74(3) tal-Att.

Dan kollu magħdud il-fatt illi l-attriċi ma wrietx li sodisfat ir-rekwiżiti tal-artikolu 79 tal-Att sabiex tibbenefika mir-rimedji disponibbli taħt it-Taqsima X tal-Att, fosthom id-dritt għal tnaqqis fil-prezz invokat minnha, il-konsumatur għandu jinnotifika lill-bejjiegħ fuq mezz durabbli dwar kwalunkwe nuqqas ta' konformità f'perjodu ta' mhux inqas minn xahrejn mid-data li fiha l-konsumatur ikun induna b'tali nuqqas ta'

[11] Dok. PB6, paġna 33 tal-atti tal-kawża.
[12] Numru 1979/2020, Dok. PB7, paġni 34 u 35 tal-atti tal-kawża.
[13] Dok. PB5, paġna 32 tal-atti tal-kawża.

konformità. Il-Qorti tosserva illi l-attriċi la għamlet id-dikjarazzjoni tat-terminazzjoni lill-bejjiegħ skont kif jiddisponi l-artikolu 78A(1) tal-Att, u lanqas innotifikat lis-soċjeta' konvenuta fuq mezz durabbli[14] dwar xi allegat nuqqas ta' konformita'. Fil-fatt, f'dan il-każ ma jirriżultax li xi nuqqas ta' konformita' ġie komunikat b'mezz durabbli lill-bejjiegħ, u l-Qorti tqis illi korrispondenza skambjata bejn l-avukati tal-partijiet fuq bażi ta' mingħajr preġudizzju ma jiswix bħala notifika dwar nuqqas ta' konformita'[15].

Fuq kollox iżda, u kif sewwa ġie sottomess mill-abbli avukat tas-soċjeta' konvenuta waqt it-trattazzjoni finali, l-attriċi naqset milli ġġib provi biex jiġi komputat it-tnaqqis fil-prezz li hija tippretendi li huwa dovut lilha b'riżultat tal-azzjoni li ġiet dikjaratament imsejsa fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 76(1) tal-Att, li jistipola illi "*t-tnaqqis fil-prezz għandu jkun proporzjonat għat-tnaqqis fil-valur tal-oġġetti li jkun irċieva l-konsumatur meta mqabbel mal-valur li kien ikollhom l-oġġetti kieku kienu konformi.*" Għalkemm minn dan hu evidenti li jeħtieġ li tinġieb prova tal-valur imnaqqas tal-oġġett b'effett tan-nuqqas ta' konformita' biex jitħaddem il-formula stipolata mis-subartikolu (1) appena ċitat, il-Qorti ma riskontrat ebda prova tat-tnaqqis fil-valur tal-magna b'riżultat tal-ħsara fl-automatic *threadcutter*. F'kull każ, mhux ċar mix-xhieda jekk dan il-*part* huwiex indispensabbli jew b'xi mod meħtieġ għall-użu normali tal-magna jew le, u lanqas jekk wara l-ewwel tiswija, il-ħsara reġgħet feġġet ukoll fil-funzjoni tal-buttuna għall-qtugħ manwali tal-ħjata.

Ikkunsidrat finalment;

Illi jiġi ribadit illi l-attriċi kienet ċara u inekwivoka li l-azzjoni tagħha hija arġinata fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 76 tal-Att u għalhekk, kif ġia' deċiż, kien meħtieġ għas-suċċess ta' din l-azzjoni li tressaq provi sodisfaċjenti li l-oġġett mibjugħ lill-

---

[14] "*Mezz durabbli*", skont l-artikolu 72(1) tal-Att, ifisser kwalunkwe strument li jippermetti li l-konsumatur jew il-bejjiegħ jaħżen informazzjoni indirizzata personalment lil dik il-persuna b'mod li hu aċċessibbli għal referenza futura, għal perjodu ta' żmien adegwat għall-iskopijiet tal-informazzjoni, u li jippermetti r-riproduzzjoni mhux mibdula tal-informazzjoni maħżuna.

[15] F'kull każ, il-korrispondenza legali li ġiet esebita fl-atti mill-attriċi, ġiet sfilzata permezz ta' digriet mogħti fit-22 ta' Ġunju 2022.

attriċi mhux konformi mal-kuntratt ta' bejgħ għaliex ma jissodisfax wieħed jew iktar mir-rekwiżiti tal-paragrafi (a) sa (d) tal-artikolu 73(2). Kif rajna, hu biss bl-aċċertament tan-nuqqas ta' konformita' li jiskatta l-jedd għal rimedju konsistenti, *inter alia*, fi tnaqqis proporzjonat fil-prezz kif jidher li qiegħda tesiġi l-attriċi.

Għalhekk, anke r-rimedju konsistenti fit-terminazzjoni tal-bejgħ u r-rimbors tal-prezz tal-magna għandu jfalli, u dan għall-istess raġunijiet diġa' mfissrin riferibbilment għall-jedd għal tnaqqis proporzjonat fil-prezz tal-oġġett mibjugħ, kif ukoll għaliex meta rritornat il-magna lis-soċjeta' konvneuta, **l-attriċi rritornatha għat-tiswija u mhux b'dikjarazzjoni li ddeċidiet li tittermina l-kuntratt tal-bejgħ**. Barra dan il-fatt jekk kien hemm xi nuqqas ta' konformita' fit-tifsira tal-artikolu 73 tal-Att, dan kien *ex admissis* wieħed minuri u għalhekk ma jiġġustifikax it-terminazzjoni tal-kuntratt ta' bejgħ[16]. Għaldaqstant, l-attriċi naqset ukoll milli timxi mar-rekwiżiti li l-liġi teħtieġ biex tavalla ruħha mill-jedd għat-terminazzjoni tal-kuntratt tal-bejgħ.

Għaldaqstant, kollox magħdud, l-azzjoni tal-attriċi kif imsejsa fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 76 tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, ma tistax tirnexxi u t-talbiet tagħha għandhom jiġu miċħuda.

**Għal dawn il-motivi kollha, qiegħda taqta' u tiddeċiedi li filwaqt li tastjeni milli tieħu iktar konjizzjoni tal-ewwel eċċezzjoni iżda tilqa' l-eċċezzjonijiet l-oħra kollha tas-soċjeta' konvenuta fir-Risposta tagħha, tiċħad it-talbiet tal-attriċi MANDY (AMANDA JANE) FESTARI fl-att promotur, bl-ispejjeż kollha jitħallsu mill-istess attriċi.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**

---

[16] Il-konsumatur ma għandux ikollu d-dritt jittermina l-kuntratt jekk in-nuqqas ta' konformità jkun biss wieħed minuri – artikolu 76(2) tal-Att.